MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 387/2002/1

**Yanes Desira**

**vs**

**Carmel Ciantar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u erbgha u tletin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm434.22), u intalbet dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'B'Bugia fl-4 ta' Dicembru, 2001, bejn Toyota Corolla numru KBE-143 misjuqa mill-attur u Pick-Up Nissan numru CAG-247 misjuqa mill-konvenut, u dana minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut kif ukoll kundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur danni fl-ammont ta' erba'**

**mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm422.72);**
**Bl-ispejjez ta’ dan l-avviz flimkien ma’ hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta’ ittra bonarja u dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-Avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta’ Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante li l-incident sehh minghajr ebda htija da parti ta’ l-istess konvenut, izda sehh unikament b’negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur li kien qed issuq l-vettura KBE-143.**

**Semgha x-xhieda ta’ PS179 Raymond Aquilina, Yanes Desira, Lorry Barbara u PS1324 Stefan Aquilina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra n-nota prezentata mill-konvenut fid-9 ta’ Lulju, 2002, li biha ammetta t-talba attrici.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm422.72) bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ April, 2002.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja u dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap.104 ghandhom jigu sopportati mill- konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**